**BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET**

**MAGISTRAT DR. SIMONE GRECH**

**Rikors numru: 6 / 2018**

**Joseph Abela (ID 728450M) u martu Pauline Abela (ID 788949M)**

**vs**

**Awtorità tal-Artijiet**

**Illum, 13 ta' Ottubru, 2021**

Il-Bord,

Ra r-rikors ta' Joseph Abela et fejn gie premess:

*"1. Illi permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Carmelo Lia tal-14 ta' Novembru 1981 huma akkwistaw porzjon art msejħa tal-Ghenbu, limiti tal-Għargħur ta' kejl superfiċjali ta' ċirka 903 qasab kwadri jew 3,965m2 (Dok A)*

*2. Illi parti minn din l-art ittieħdet sabiex jiġu ffurmati toroq pubbliċi, ċioe Triq Manoel Perren u Triq Excelsior u l-kejl tal-art komplessiv meħud għal dan l-iskop huwa ta' 177m2 bil-valur ta' €233,640 (Dok B).*

*3. Illi sal-lum-il ġurnata ma sar l-ebda proċess ta' esproprju u l-esponenti għadu ma ġiex kumpensat skond il-liġi.*

*4. Illi a tenur tal-Art 67 tal-kap 573, meta art li fuqha ma tkun inħarġet l-ebda dikjarazzjoni tkun okkupata jew amministrata minn xi awtorita' kompetenti, kull min juri għas-sodisfazzjoni tal-Bord tal-Arbitraġġ li huwa sid b'titolu validu ta' propjeta' fuq dikl-art jista jitlob li dik l-art tiġi akkwistata b'xiri assolut mill-awtorita' jew inkella biex dik l-art tigi mrodda lura ħielsa u franka minn kull okkupazzjoni.*

*Ghaldaqstant l-esponenti jitlob bir-rispett li dan il-Bord, prevja okkorendo konferma li l-esponenti huwa l-proprjetaru tal-art fuq imsemmija:*

i. *Jiddikjara li l-art tassew meħtiega għal skopijiet pubbliċi*
ii. *Taghti żmien lil-partijiet biex jiddikjaraw kemm għandu jkun il-kumpens li għandu jitħallas għat-trasferiment tal-art, b'dan illi, għar rigward tar-rikorreti, tali dikjarazzjoni qed issir min issa stess permezz ta' dan r-rikors.*
iii. *Jekk il-partijiet ma jaqblux bejniethom dwar il-kumpens li għandu jitħallas għal dik l-art, allura għandu jkun dan il-Bord tal-Arbitraġġ li jiffissa l-kumpens xieraq għat-trasferiment ta' dik l-art, b'dana li l-kumpens m'għandux ikun ogħla minn dak indikat mis-sid jew inqas minn dak indikat mill-awtorita' intimata.*
iv. *Jillikwida u jordna lill-awtorita' intimat tħallas id-danni materjali u d-danni morali li ġew imġarrba mis-sid għas-snin kollha li l-art kienet qed tiġi okkupata mingħajr ma nħarget id-dikjarazzjoni.*
v. *Jikkundanna lill-intimati sabiex iħallsu wkoll l-interessi mid-data tat-teħid fiziku tal-art sad-data ta' pagament effetiv;*
vi. *Jiffissa l-ġurnata, ħin u lok għall-publikazzjoni tal-kuntratt relattiv u taħtar Nutar sabiex jippubblika l-att opportun u kuratur sabiex jirrappreżenta l-eventwali kontumaċi.*

*Bl-ispejjeż kontra l-intimat minn issa nġunt għas-subizzjoni."*

Ra r-risposta tal-Awtorità tal-Artijiet fejn gie eccepiet li:

*"1. Illi l-esponenti gie notifikat bir-rikors fl-ismijiet fuq imsemmija fit-13 ta' April, 2018 u l-Onorabbli Bord ta' lill-istess esponenti sas-7 ta' Mejju, 2018 biex tirrispondi;*

*2. Fl-ewwel lok ir-rikorrent iridu jissudisfaw lil dan l-Onorabbli Bord illu huma tassew is-sidien ta' l-art in kwistjoni;*

*3. Illi l-awtorita' skont l-Artiklu 67 (2) qieghda permezz tal-prezenti risposta' tindika illi l-Gvern irid jakkwista' l-imsemmija art b'titolu ta' xiri assolut;*

*4. Illi l-awtorita' esponenti ssostni illi l-art in kwistjoni ghgha mehtiega ghal skopijiet pubblici kif ser jigi muri ahjar fil-mori tal-kawza odjerna;*

*5. Illi hemm qbil illi l-bord jaghti zmien lill-partijiet, skont il-ligi, sabiex jididkjaraw kemm ghandu jkun il-kumpens u fin-nuqqas jiffissa kumpens xieraq b'dana illi l-imsemmi kumpens m'ghandux ikun oghla minn dak indikat mis-sid jew inqas minn dak indikat mill-awtorita' esponenti in lineja ma' dak li hemm provdut fil-Kap. 573 okkorrendo bin-nomina ta' periti nominandi;*

*6. Illi l-awtorita' esponenti tirrileva illi dan l-Onorabbli Bord qieghed jigi mitlub 'jillikwida u jordna lill-awtorita' intimata thallas id-danni materjali u d-danni morali li gew imgarrba mis-sid ghas-snin kollha li l-art kienet qed tigi okkupata minghajr ma nharget id-dikjarazzjoni' u dan skont il-ligi vigenti that l-Kap 574 b'dana pero' illi dan m'ghandux ifisser jew jittiehed illi huwa ekwivalenti ghal danni subiti ghaliex l-art ma gietx effettivament trasferita. Dan ghaliex skont il-massima legali ubi lex voluit dixit, ubi noluit taquit li kieku l-legizlatur ried illi d-danni jkunu danni ghaliex ma sarx it-trasferiment kien jghid propju hekk, pero' l-legizlatur illimita ruhhu ghad-danni subiti ghall-incertezza naxxenti mill-fatt illi l-gvern baqa' ma harigx dikjarazzjoni aktar milli ghan-nuqqas ta' trasferiment ta' propjeta' effetiv;*

*7. Illi rigward l-interessi l-awtorita' intimata tirrimetti ruhha sakemm dawn l-interessi jkunu komputati skont id-dettami tal-ligi u strettament fejn dovuti;*

*8. Illi rigward l-ahhar talba l-esponenti tirrimetti ruhha ghas-savju gudizzju ta' dan l-Onorabbli Bord:*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri premessi mil-ligi.*

*Bl-ispejjez konra r-rikorrenti."*

Ra li din il-kawza giet assenjata lil dan il-Bord hekk kif ippresedut;

Ra li fis-7 ta' Lulju 2021, il-Bord laqa' t-talba tal-Awtorità tal-Artijiet sabiex fil-hames eccezzjoni, fis-sitt eccezzjoni u fis-seba' eccezzjoni, jizdiedu l-kliem: "jekk kemm-il darba fil-mori tal-kawza tintlaqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti", wara l-kelma "Illi";

Ra li f'dik l-istess seduta, l-Awtorità tal-Artijiet irtirat ir-raba' eccezzjoni taghha;

Ra li din il-kawza giet differita ghal sentenza dwar l-ewwel u t-tieni talba tar-rikorrenti;

Ra l-atti kollha ta' din il-kawza.

**Ikkunsidra:**

Irrizulta li din l-azzjoni hija msejjsa fuq l-Artikolu 67 tal-Kap 573 tal-Ligijiet ta' Malta li jistipola li:

*67. (1) Meta art li fuqha ma tkun inħarġet l-ebda dikjarazzjoni, tkun okkupata jew amministrata minn xi awtorità kompetenti, kull min juri għas-sodisfazzjon tal-Bord tal-Arbitraġġ li huwa sid b'titolu validu ta' proprjetà fuq dik l-art jista' jitlob li dik l-art tiġi akkwistata b'xiri assolut mill-awtorità jew inkella biex dik l-art tiġi mrodda lura ħielsa u franka minn kull okkupazzjoni.*

*(2) Din l-azzjoni għandha ssir permezz ta' rikors ippreżentat fir-Reġistru tal-Bord tal-Arbitraġġ li għandu jiġi indirizzat kontra l-awtorità li jkollha jedd ta' għoxrin jum biex twieġeb minn mindu tiġi notifikata bir-rikors.*

*(3) L-awtorità fit-tweġiba tagħha għandha tindika jekk il-Gvern iridx jikseb l-art b'xiri assolut jew inkella trodd lura l-art lis-sid.*

*(4) Jekk l-awtorità tindika fit-tweġiba tagħha li trid jikseb l-art b'xiri assolut hija għandha turi għas-sodisfazzjon tal-Bord li dik l-art hija meħtieġa għal skopijiet pubbliċi.*

*(5) F'każ li l-Bord tal-Arbitraġġ ikun sodisfatt li l-art hija tassew meħtieġa għal skopijiet pubbliċi huwa għandu jagħti żmien lis-sid u lill-awtorità biex jiddikjaraw kemm għandu jkun il-kumpens li għandu jitħallas għat-trasferiment tal-art.*

*(6) Jekk il-partijiet ma jaqblux bejniethom dwar il-kumpens li għandu jitħallas għal dik l-art, allura għandu jkun il-Bord tal-Arbitraġġ li jiffissa l-kumpens xieraq għat-trasferiment ta' dik l-art, b'dana li l-kumpens m'għandux ikun ogħla minn dak indikat mis-sid jew inqas minn dak indikat mill-awtorità.*

*(7) Il-valur tal-art għandu jittieħed li hu l-ammont illi l-art tista' ġġib kieku tiġi mibjugħa fis-suq minn sidha volontarjament u għandu jinħadem fuq il-valur li jkollha l-art ta' meta ġie mressaq ir-rikors skont dan l-artikolu.*

*(8) Flimkien mat-talba għax-xiri jew radd lura tal-art, tista' ssir ukoll talba biex il-Bord tal-Arbitraġġ jillikwida u jordna lill-awtorità tħallas id-danni materjali u d-danni morali li ġew imġarrba mis-sid għas-snin kollha li l-art kienet qed tiġi okkupata mingħajr ma nħarġet id-dikjarazzjoni.*

*(9) Kull persuna titlef il-jedd ta' azzjoni skont dan l-artikolu jekk hija tonqos milli tipproċedi fi żmien ħames snin minn meta jidħol fis-seħħ dan l-Att. Dan il-perjodu huwa perentorju u ma jistax jiġġedded"*

Din il-kawza waslet fl-istadju fejn intalab li tinghata sentenza dwar l-ewwel zewg talbiet tar-rikorrenti, u ghalhekk il-Bord għandu, f'dan l-istadju, jikkonsidra s-segwenti punti:

i. Jekk fir-rigward tal-art mertu ta' din il-kawża, nhargitx dikjarazzjoni;
ii. Jekk fir-rigward tal-art mertu ta' din il-kawza, hijiex okkupata jew amministrata minn xi awtorità kompetenti;
iii. Jekk tressqux provi ghas-sodisfazzjon tal-Bord tal-Arbitragg li r-rikorrenti huwa sid b'titolu validu ta' proprjetà fuq dik l-art;

iv. Jekk l-awtorità fit-twegiba taghha, indikatx jekk il-Gvern iridx jikseb l-art b'xiri assolut jew inkella trodd lura l-art lis-sid;

v. F'kaz li l-awtorità ndikat li trid tikseb l-art b'xiri assolut, hija ghandha turi ghas-sodisfazzjon tal-Bord, li dik l-art hija mehtiega ghal skopijiet pubblici;

vi. F'kaz li l-Bord tal-Arbitragg ikun sodisfatt li l-art hija tassew mehtiega ghal skopijiet pubblici, huwa ghandu jaghti zmien lis-sid u lill-awtorità, biex jiddikjaraw kemm ghandu jkun il-kumpens li ghandu jithallas ghat-trasferiment tal-art.

Minn ezami tal-atti processwali, jirrizulta li:

Din l-art hija maghrufa bhala Tal-Ghenbu fil-limiti tal-Gharghur. Fuq din l-art, ma nharget l-ebda dikjarazzjoni. Jirrizulta li din l-art qed tintuza bhala triq.

Dwar jekk tressqux provi ghas-sodisfazzjon tal-Bord tal-Arbitragg li r-rikorrenti huma sidien b'titolu validu ta' proprjetà fuq dik l-art, il-Bord iqies li tali prova giet sodisfatta. Madanakollu, jisottolinja li permezz ta' nota tal-Awtorità tal-Artijiet ipprezentata fit-8 ta' Novembru 2019, l-Awtorità tal-Artijiet ipprezentat pjanta bhala Dok C, li minnha jirrizulta li hemm parti mill-art, u cioè ta' cirka 4.37 metri kwadri, li ma taqax fl-akkwist tar-rikorrenti. Din il-pjanta giet ippreparata mill-Awtorità tal-Artijiet wara li saru l-verifiki tat-titolu u *superimpositions* necessarji. Ir-rikorrenti pprezentaw nota fis-6 ta' Jannar 2020, bi pjanta akkurata tal-estensjoni tal-proprjetà taghhom, u kif ukoll *aerial photographs* tas-sit in kwistjoni tal-2016 u 1967. Il-Bord iqies li gie ppruvat a sodisfazzjoni ta' dan il-Bord, li r-rikorrenti huma s-sidien b'titolu validu ta' proprjetà fuq l-estensjoni tal-art, eskluza l-*area* ta' cirka 4.27 metri kwadri, indikata f'Dok C man-nota tat-8 ta' Novembru 2019.

Il-Bord ikkonsidra wkoll li fit-tielet paragrafu tar-risposta taghha, l-Awtorità tal-Artijiet indikat li l-Gvern irid jakkwista l-imsemmija art, b'titolu ta' xiri assolut.

Dwar jekk l-art hijiex mehtiega ghal skop pubbliku, skont ir-rikorrenti Joseph Abela, din hija parti stradali lejn in-naha tat-tramuntana tal-art li giet mehuda bhala triq (vide affidavit a fol 26 tal-process). Skont dak li gie kkonstatat mill-membri teknici, din l-art illum, tifforma parti mis-sistema ta' toroq gewwa l-arja urbana tal-Gharghur, sewwasew fl-inkrocju ta' bejn Triq Manoel Perren u Triq Excelsior. Gie

kkonstatat mill-istess membri teknici, li skont il-Pjan Regolatur taz-zona, u cioè Central Malta Local Plan, l-art kellha tintuza ghal formazzjoni ta' toroq.

Meta l-Bord iqies id-definizzjoni ta' skop pubbliku misjuba fl-Artikolu 2 tal-Kap 573 tal-Ligijiet ta' Malta, jasal ghal konkluzzjoni li formazzjoni ta' triq, hija wahda li taqa' fl-ambitu ta' din id-definizzjoni. In fatti, id-definizzjoni taqra:

> *"skop pubbliku" jfisser kull skop li għandu x'jaqsam mal-użu esklużiv tal-Gvern jew mal-użu pubbliku ġenerali, jew li għandux'jaqsam ma' jew jiswa għall-interess jew qadi tal-pubbliku (sew jekk l-art tkun għall-użu tal-Gvern sew jekk le) jew ma' jew għall-ippjantar tal-ibliet jew ma' jew għar-rikostruzzjoni jew għaż-żieda fl-impiegi, jew għat-tkattir fit-turiżmu, jew għall-promozzjoni tal-kultura, jew għall-preservazzjoni tal-identità nazzjonali u storika, jew għall-ħarsien ekonomiku tal-Istat jew kull skop li għandu x'jaqsam mad-difiża ta' Malta jew li għandu x'jaqsam ma' jew jiswa għall-operazzjonijiet navali, militari jew tal-ajru; u jfisser ukoll kull skop ieħor imsemmi bħala pubbliku minn xi liġi; u għall-finijiet ta' din it-tifsira, fejn l-iskop sabiex jiġi eżerċitat xi dritt taħt dan l-Att ikun marbut mal-utilizzazzjoni ta' xi art jew xi dritt marbut jew relatat magħha għal kull raġuni marbuta mal-provvista, ħażna jew distribuzzjoni ta' karburanti jew sorsi oħra ta' enerġija, jew f'konnessjoni mal-provvista ta' xi servizz ta' utilità jew servizz muniċipali jew proġett infrastrutturali, għandu jitqies bħala konness ma' jew anċillari għall-interess pubbliku jew utilità."*

Da parti taghha, l-Awtorità tal-Artijiet sostniet li qatt ma kellha talba sabiex din l-art tigi esproprjata (vide xhieda moghtija min-Nutar Dottor Marisa Grech fit-28 ta' Gunju 2019). L-Awtorità tal-Artijiet sostniet li gew ezebiti dokumenti, li juru li saret talba ghan-nom tar-rikorrenti, biex jinbeda il-process ta' esproprju (Dok A annessa man-nota tal-Awtorità tal-Artijiet tas-27 ta' Marzu 2019), u li kienet giet skambjata risposta lura mill-Awtorità tal-Artijiet, fis-sens li gie spjegat lir-rikorrenti, li biex l-Awtorità tal-Artijiet tista' tesproprja art, xi hadd mid-Dipartimenti koncernati irid jaghmlilha t-talba ghal tali esproprju (Dok B annessa man-nota' tal-Awtorità tal-Artijiet tas-27 ta' Marzu 2019). Giet ezebita wkoll korrispondenza datata 21 ta' Mejju 2015, mibghuta lic-Chief Officer, Road and Infruastructure Directorate, fejn gie kkomunikat li ma kien hemm l-ebda talba ghal tali esproprjazzjoni maghmula mal-Awtorità tal-Artijiet. L-Awtorità intimata ghalhekk argumentat, li gialdarba m'hemm l-ebda talba, l-Awtorità mhijiex f'pozizzjoni illi tesproprja. Intqal ukoll li jekk hemmx lok ghal skop pubbliku, ghal tehid ta' din l-art ghal skop pubbliku, l-Awtorità mhijiex f' pozizzjoni li tghid, stante li qatt ma saret talba ghal tali esproprju.

Saret insistenza li l-Awtorità tal-Artijiet m'ghandhiex bzonn artijiet, u ghalhekk jekk ser tinfetah triq, irid ikun hemm talba mid-dipartiment jew l-awtorità koncernati.

Dan il-Bord jaghmel referenza ghal dak deciz minnu fis-sentenza moghtija fl-ismijiet, Pierre Chircop vs L-Awtorità tal-Artijiet, fit-30 ta' Settembru 2020, fejn tqajjem argument simili. Il-Bord kien qal is-segwenti:

> *"….fis-seduta tat-23 ta' Jannar 2019, l-Awtorita tal-Artijiet sostniet li mir-riċerki li saru, ma nstabx li qatt kien hemm xi talba minn xi Awtorità għal esproprju tal-art mertu tal-kawża odjerna. Sussegwentement, ġiet ippreżentata korrispondenza minn fejn jirriżulta li l-legali tar-rikorrenti kien staqsa lil Awtorità tal-Artijiet dwar jekk ħarġitx Gazzetta tal-Gvern fuq l-art in kwistjoni u korrispondenza oħra fejn l-Assistant Principal fl-Awtorità tal-Artijiet, indika li luniku esproprju li sar kien wara talba formali mit-Transport Malta fuq liema diġà tħallas il-kumpens. Mix-xhieda mogħtija min-Nutar Dr. Marisa Grech fis-16 ta' Ottubru 2019, irriżulta li l-Awtorità tal-Artijiet kitbet lil Trasport Malta u Infrastructure Malta, sabiex jivverikfaw jekk din l-art ġietx attwalment utilizzata għal skop pubbliku, u sabiex jekk inhu l-każ, issir talba formali bil-għan li jinbdew il-proċeduri. Madanakollu, l-Awtorità intimata ma ngħatat l-ebda risposta lura.*
>
> *Mill-banda l-oħra, mir-rapport tal-membri tekniċi ta' dan il-Bord, irriżulta li l-art in kwistjoni tifforma parti minn Triq l-Għoljiet ta' Ġuno, Marsaxlokk. Dina l-parti tat-triq tinsab miftuħa għat-traffiku bil-wiċċ asfaltat, u bil-bankina ffurmata quddiem il-plots tal-bini li jinsabu diġà żviluppati fuq naħa waħda, mentri fuq in-naħa l-oħra, m'hijiex żviluppata. Dan il-fatt ma ġiex ikkontestat mill-Awtorità tal-Artijiet. Għaldaqstant, ġie ppruvat għas-sodisfazzjon ta' dan il-Bord, li din l-art qed tintuża għal skop u interess pubbliku.*
>
> *Il-Bord iqies għalhekk, li a tenur tal-Artiklu 67 tal-Kap 573 tal-Liġijiet ta' Malta, ġjaladarba ġie ppruvat għas-sodisfazzjoni ta' dan il-Bord li r-rikorrenti huwa sid tal-art in kwistjoni, u li l-art qed tintuża għal skop u fl-interess pubbliku, huwa sejjer jiddeċiedi li l-art għandha tittieħed b'titolu ta' xiri assolut."*

Dan il-Bord ghadu tal-istess fehma, fis-sens li gialadarba gie ppruvat li r-rikorrenti huma s-sidien tal-art, u l-art qed tintuza ghal skop pubbliku, huwa sejjer jiddeciedi li l-art ghandha ghalhekk tittiehed, b'titolu ta' xiri assolut.

Dan il-Bord izid jghid li il-ligi taghti rimedju specifiku li jrid jigi segwit, u tali procedura ghandha ssir kontra l-Awtorità tal-Artijiet, hekk kif tistipola l-ligi. Il-Kap 573 jaghmilha cara li hija l-Awtorità tal-Artijiet li ghandha d-dritt li tixtri u tbiegh, u hija l-mezz principali li bih il-Gvern jimplimenta dmirijietu taht il-Kap 573. Il-kaz odjern sar ai termini tal-Artikolu 67 tal-Kap 573, liema artikolu jaghmel referenza ghall-Awtorità tal-Artijiet. Hija l-Awtorità tal-Artijiet li meta jsir esproprju, ghandha thallas ghal dik l-art. Hija l-istess Awtorità li takkwista l-proprjetà. F' dan il-kaz jirrizulta ben evidenti, li din l-art ittiehdet biex issir triq, u ghalhekk l-art qed tintuza ghal skop pubbliku.

Il-Bord ikkonsidra wkoll punt iehor imqajjem fit-trattazzjoni orali, fejn l-abbli legali tar-rikorrenti talab li dan il-Bord jaghti terminu perentorju, sabiex l-Awtorità tal-Artijiet tohrog id-dikjarazzjoni apozita mic-Chairperson tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorità tal-Artijiet, ai termini tal-Artikolu 38 u 39 tal-Kap 573 tal-Ligijiet ta' Malta. Madanakollu, dan il-Bord ma jaqbilx li ghandu jaghti tali ordni. Dan il-Bord iqies li ghalkemm huwa minnu li sabiex isir akkwist ta' artijiet ghal skop pubbliku ghandha tinhareg dikjarazzjoni apozita, f'kazijiet bhal dawn odjerni, il-legislatur haseb ghal procedura *ad hoc,* fl-Artikolu 67 tal-Kap 573 tal-Ligijiet ta' Malta, li ghandha tigi segwita. Fl-ebda parti tal-Artikolu 67 tal-Kap 573 tal-Ligijiet ta' Malta, ma jissemma li ghandha tinhareg dikjarazzjoni da parti tac-Chairperson tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorità tal-Artijiet. L-Artikolu 67 tal-Kap 573 tal-Ligijiet ta' Malta jaghmilha cara, li meta art li fuqha ma tkun inharget l-ebda dikjarazzjoni, tkun okkupata jew amministrata minn xi awtorità kompetenti, f'kaz li l-Bord tal-Arbitragg ikun sodisfatt li l-art hija tassew mehtiega għal skopijiet pubblici, huwa ghandu jaghti zmien lis-sid u lill-awtorità, biex jiddikjaraw kemm ghandu jkun il-kumpens li ghandu jithallas ghat-trasferiment tal-art. Jekk ma jkunx hemm qbil, ikun dan il-Bord tal-Arbitragg li jiffissa l-kumpens xieraq għat-trasferiment ta' dik l-art. Li jsegwi minn qari tal-Artikolu 67 tal-Kap 573 tal-Ligijiet ta' Malta huwa, li dan il-Bord ghandu jaghti terminu perentorju sabiex is-sid u l-Awtorità jiddikjaraw kemm ghandu jkun il-kumpens, u jekk dawn ma jaqblux dwar l-ammont ta' kumpens, il-Bord jghaddi biex jiffissa l-kumpens hu.

Il-Bord jaghmilha cara wkoll li f'dan il-kaz, fir-rikors promotur u fit-tieni talba taghhom, ir-rikorrenti già ddikjaraw li l-ammont ta' kumpens li qed jippretendu

huwa ta' €233,640. Ghalhekk, dan il-Bord qed jiffissa terminu perentorju ta' xahar mid-data ta' din is-sentenza, sabiex l-Awtorità tal-Artijiet tiddikjara kemm ghandu jkun il-kumpens, li fil-fehma taghha ghandu jithallas ghat-trasferiment ta' dik l-art.

**Decide**

Ghar-ragunijiet hawn fuq esposti, il-Bord qed jiddeciedi l-ewwel zewg talbiet tar-rikorrenti, billi jilqa' entrambi talbiet, filwaqt li jiddikjara li l-art hija tassew mehtiega ghal skopijiet pubblici, u jaghti terminu perentorju ta' xahar sabiex l-Awtorità tal-Artijiet tiddikjara, permezz ta' nota fl-atti ta' din il-kawza, l-ammont ta' kumpens li ghandhu jithallas ghat-trasferiment ta' din l-art, b'titolu ta' xiri assolut.

Jordna li l-ispejjez jibqghu riservati ghall-gudizzju finali.

Magistrat Dr. Simone Grech

Janet Calleja
Deputat Reġistratur